**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 558/02 AJD**
**Direttur Servizzi Korporattivi fl-Ufficju tal-Prim Ministru**

**vs**

**Ami Briffa**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Marzu 2002 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' sitt mija u disgha u tletin Lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm639.16) rapprezentnti danni sofferti mill-istes attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-18 ta' Marzu 2000, fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAA 387 b'mod negligenti, imprudenti u

kontra r-regoalamenti tat-traffiku, huwa habat mal-vettura AAD 184, propjeta' tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tatal-ittra ufficjali tat-13 ta' Awissu 2001, kontra l-konvenut.

Ra r-rispposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:

1. Illi r-responsabilita' tal-incident mertu tat-talba odjerna hja ammessa.
2. Illi l-esponent qed jikkontesta l-quantum tad-danni pretizi mill-attur stante li l-ammont huwa esagerat.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Alistair Borg, Paul Borg, Alfred Vella, tal-konvenut Ami Briffa u ta' Chris Parnis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra.
Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda biss il-'quantum' tad-danni reklamati mill-attur stante li r-responsabilita' ghall-incident mertu tal-kawza giet ammessa kif jirrizulta mir-risposta tal-konvenut u mix-xhieda tieghu 'viva voce' quddiem dan it-Tribunal. Id-danni in kwistjoni gew kawzati f'incident tat-18 ta' Marzu 2000 meta waqt li l-konvenut kien qd jipprocedi bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAA 387 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, San Giljan, huwa baqa' diehel fuq wara tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAD 184, propjeta' tal-attur. Il-konvenut u x-xhud minnu prodott, Chris Parnis, jinsistu li l-vettura tal-attur kellha biss ghafsa zghira fuq il-'bumper' ta' wara. Il-

konvenut jallega li l-ammont mitlub mill-atttur fil-kawza odjerna jinkludi wkoll riparazzjonijiet fuq il-genb u n-naha ta' quddiem tal-vettura tal-attur, liema danni ma gewx kawzati fl-incident tat-18 ta' Marzu 2000. In sostenn tal-argument tieghu il-konvenut ipproduca stima ( a fol . 61) rigwardanti l-hsara fin-naha ta' quddiem tal-vvettura tieghu liema hsara kienet tammonta biss ghal hamsa u tletin lira Maltin (Lm35.00). Fix-xhieda tieghu tal-10 ta' Lulju 2002, l-konvenut jghid li ma jiftakarx jekk il-vettura tal-attur kellhiiex xi daqqiet ohra oltre dawk kawzati minnu fl-incident.

Fir-rapport tal-Pulizija ( a fol. 14 et seq. ) insibu li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fir-'rear bumper' u hija klassifikata bhala 'slight' mentri l-hsara fil-vettura tal-konvenut hija fil-'front bonnet, bumper front grill' u hija wkoll klassifikata bhala 'slight'. Mis-'survey' li sar fuq il-vettura tal-attur ( a fol. 19 ) jidher li l-hsara hija effettivament fuq in-naha ta' wara tal-vettura izda m'hijiex biss fil-'bumper' izda wkoll fil-'panel' ta' wara u ta' taht l-istess 'bumper', fit-'tail gate', fir-'rear internal floorboard', u fir-'rear panel'. Is-'surveyor' li hejja dan ir-rapport ikkonferma l din il-hsara hija kollha kompatibbli ma' daqqa minn wara. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Alfred Vella, ir-rapprezentant ta' Auto Sales Limited, u cioe' is-socjeta' li ghamlet ix-xoghol ta' 'spray' u 'panel beating' fuq il-vettura tal-attur u li provdiet il-'parts' li kellhom jinbidlu. Alfred Vella li xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2002, wara li esibixxa stima rilaxxjata minnu personalment ( a fol. 47 ), u wara li kkonferma li huwa kien spezzjona l-vettura in kwistjoni qabel ma hareg l-istima, jghid ukoll li l-'parts' li kellhom jinbidlu huma kollha relatati ma' daqqa fuq wara. Dan ix-xhud jispjega wkoll li dawn il-

‘parts’ huma kollha nkluzi fil-fattura li tnsab esebita a fol. 22 tal-process, liema fattura tinkludi wkoll l-prezz tal-‘labour u spray’. L-istess xhud gibed l-attenzjoni tat-Tribunal ghall-fatt li f’din il-fattura hemm xi ammonti mnaqqsin stante li saru riparazzjonijiet ohra fuq il-vettura li ma gewx ikkawzati fl-incident mertu tal-kawza u ghalhekk il-prezz ta’ dawn ir-riparazzjonijiet gie mnaqqas minn din il-fattura u nkluz f’fattura separata.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur rnexxielu jipprova sodisfacentement li d-danni minnu reklamati gew ikkawzati fl-incident tat-18 ta’ Marzu 2000 u jixtieq jirrileva li l-fatt l l-konvenut ra biss ghafsa fil-‘bumper’ ezatt wara l-incident ma jfissirx li din kienet l-unika hsara li giet kawzata. Kif jindika s-‘survey repoort’ kien hemm wkoll hsara fil-‘panel’ ta’ wara u taht il-‘bumper’ u fir-‘rear internal floorboard’. Ovvjament Il-konvenut ma setghax jara din il-hsara ezatt wara l-incident izda dan ma jfissirx li l-istess hsara ma gietx ikkawzata minnu. Inoltre, kif diga ntqal aktar il-fuq, kemm is-‘surveyor’, kif ukoll ir-rapprezentant ta’ Auto Sales Limited, it-tnejn ikkonfermaw li l-hsara hija kompatibbli ma’ daqqa fuq wara.

Illi t-Tribunal huwa pjenament konvint li l-attur ma naqasx mill-obbligu tieghu ta’ danneggjat li jmminimizza d-danni. Inoltre l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li d-danni reklamati mill-attur huma esagerati. Anzi l-konvenut wara li allega li l-ammont mitlub kien jinkludi  riparazzjonijiet ta’ hsarat fuq in-naha ta’ quddiem u mal-gemb tal-vettura tal-attur, kompla biex qal li huwa ma ra ebda hsara, oltre

dik kawzata minnu. fuq il-vettura tal-attur immedjatament wara l-incident,

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u disgha u tletin Lira Maltin u sittax il-centezmu (Lm639.16), bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**